**QORTI TAL-APPELL**
**GHAWDEX**
**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-lum l-Erbgha, 29 ta' Jannar, 2020**

**Appell numru: 2/19**
**Wara sentenza tal-Arbitragg Mandatorju M5259/2018 CC**
**datata 25 ta' Settembru, 2019**

**Joseph Azzopardi**

**vs.**

**Paul Scicluna**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell tal-intimat Paul Scicluna minn decizjoni ta' Arbitragg Mandatorju datata 25 ta' Settembru, 2019 fejn gie deciz kif isegwi:

‘Ghal dawn il-motivi, l-Arbitru tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti kif avvanzati fl-Avviz ta’ l-Arbitragg datat 9 ta’ Jannar 2018, filwaqt li tichad il-kontro-talba avvanzata mill-intimat, bl-ispejjez kif mitluba fl-istess Avviz, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz ta’ l-Arbitragg.’

2. Illi l-lodo appellat nghata wara li l-appellat rikorrent Joseph Azzopardi issottometta arbitragg kontra l-intimat appellat fejn bhala talbiet tieghu nizzel kif isegwi:

‘somma ta’ tmien mija u sittin euro (€860) dovuti minn Paul Scicluna per konsegwenza ta’ l-incident stradali li sehh nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fi Triq ta’ Gorf, Xaghra, Ghawdex bejn il-vettura tat-tip Honda bin-numru tar-registrazzjoni KSM 123 misjuqa minn Paul Scicluna u appartenenti lil Michaelin sive Lina Scicluna u l-vettura tat-tip Polo Classic bin-numru ta’ registrazzjoni JMA 498, misjuqa mir-rikorrenti Joseph Azzopardi, li hu wkoll is-sid tal-istess vettura.’

Talab ghalhekk dikjarazzjoni li Paul Scicluna huwa unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku msemmi, li Paul Scicluna jigi kkundannat ihallas id-danni rizultanti mill-incident flimkien mal-interessi u spejjez tal-arbitragg.

3. Illi l-intimat appellant irrisponda li l-incident de quo sehh unikament konsegwenza ta' imperizja, traskuragni u nuqqas ta' harsien ta' regolamenti da parti ta' Joseph Azzopardi fejn isostni li minkejja li Joseph Azzopardi ra lill-intimat wieqaf bil-vettura tieghu zamm il-break tard, jew kien qed isuq b'mod traskurat jew kien ghaddej b'velocita' esagerata, jew b'mod iehor ma kienx josserva r-regolament tat-traffiku, bil-konsegwenza li habat mal-bankina u baqa' diehel gol-vettura tal-intimat u dan kien ammess mir-rikorrent stess mal-wardens. Konsegwenza ta' hekk l-intimat appellant talab li t-talbiet tar-rikorrent jigu michuda filwaqt li ntavolat kontro-talba sabiex huwa jithallas mr-rikorrent is-somma ta' danni sofferti minnu konsegwenza tal-incident indikati bhala s-somma elfejn, tmien mija u sitta u erbghin Euro u tnejn u sittin centezmu oltre l-imghaxijiet u l-ispejjez.

4. Rat illi l-intimat Paul Scicluna ressaq appell mid-decizjoni u ressaq tliet aggravji li fil-qosor huma kif isegwi:

'(i) L-"analizi approfondit" tal-provi li ddikjarat li wettqet l-arbitru huwa assolutament mankanti minn motivazzjoni li tista' titqies hija hija wahda sufficjenti;

(ii) Il-konkluzjonijiet tal-arbitru huma fihom infushom kontradittorji ghal xuxlin; u bbazati fuq interpretazzjoni zbaljata u skorretta tal-fatti u x-xhieda prodotti fl-arbitragg;

(iii) Di piu', dawn il-konkluzjonijiet huma bbazati fuq applikazzjoni hazina tal-principji legali li ghandhom jiggvernaw ir-responsabbilta' rispettiva tal-partijiet. '

Ghaldaqstant l-appellant talbet li din il-Qorti tirrevoka d-decizjoni tal-arbitru mehuda fil-25 ta' Settembru 2019 u minflok tiddikjara li r-responsabbilta' ghall-incident de quo kienet unikament tar-rikorrenti Joseph Azzopardi, konsegwentement tichad it-talbiet tar-rikorrenti u tilqa' t-talbiet imressqa fil-kontro-talba.

5. Rat illi r-rikorrent appellat fil-qosor irrisponda kif isegwi:

(i) Illi fl-appell ma ghandhomx jigu disturbati l-apprezzament tal-provi tal-Arbitragg jekk mhux ghal ragunijiet serjissimi;
(ii) Illi l-Arbitru mkien ma kien kontradittorju fil-konkluzjoni tieghu kif qed isostni l-appellant;
(iii) Illi gew applikati l-principji legali b'mod korrett.

Talab ghalhekk li l-appell jigi michud u d-decizjoni appellata tigi konfermata.

6. Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tad-9 ta' Dicembru, 2019 u ddifferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum. Rat l-atti kollha tal-appell u tal-arbitragg.

**Konsiderazzjonijiet**

7. Illi l-arbitru waslet ghad-decizjoni taghha fil-kaz odjern kif isegwi:

*'L-Arbitru zammet erba' seduti, datati 17 ta' April 2018, 22 ta' Gunju 2018, 26 ta' Ottubru 2018, u 23 ta' Novembru 2018 liema verbali u xhieda, qed jigu hawn riprodotti testwalment: . .*

*. . . .Joseph Azzopardi in kontro-ezami jixhed*

*L-ewwel darba li rajt il-vettura ta' Scicluna kienet imbieghda minni madwar tul ta' massimu ta' zewg karozzi. Naqblu li kien hemm vettura pparkjata fuq in-naha tal-lemin tieghi.*

*Jiena ma nistax nghid kemm kien imbieghed Scicluna mill-vettura li kienet ipparkjata.*

*Naqblu li meta rajt il-vettura ta' Scicluna l-ewwel darba it-trakk kont ghadni ma qbadtux.*

*Nghid li jiena kont madwar tul ta' karozza lura mit-trakk meta rajt lil Scicluna l-ewwel darba.*

*Qed nigi mistoqsi li jiena kont aktar l boghod minn tul ta' zewg karrozzi meta rajt lil Scicluna l-ewwel darba, nghid li bejn wiehed u iehor kien hekk.*

*Qed jigi suggerit lili effettivament Scicluna kien iktar minn tul ta' karozza lura mit-trakk kif jidher mill-isketch 4/6 u anke ir-ritratti 5/6 u 6/6, nghid li jiena naqbel mar-ritratti tal-wardens kif hemm fl-isketch.*

*Ma nistax nghid li Scicluna kienx wieqaf jew kienx qed jimxi x'hin rajtu l-ewwel darba.*

*Mistoqsija: 'x'hin inti gejt biex tahbat ma' Scicluna, jekk hu kienx wieqaf?'*

*Risposta: 'Nghid li jiena ma nafx.'*

*Ma niftakarx x'jiena ghidt lil warden, u dan mhux importanti.*

*Ma niftakarx li jiena missejt mal-bankina qabel gara l-incident.*

*Qed jigi moqri l-istatement ta' dakinhar ta' l-incident, u gie suggerit lili li dawn l-affarijiet graw kronologikament, nghid li jiena ma naqbilx ghax graw simultanjament.*

*Jiena nikkonferma li ma niftakarx.*

*Nghid li lanqas niftakar il-parti li dawn graw simultanjament.*

*Wara l-incident jiena u Pawlu tkellimna, ma nistax niftakar x'intqal.*

*Qed jigi suggerit lili li jiena skuzajt ruhi u ma rajtux, nghid li ma niftakarx.*

*Qed jigi ezebit minn Dr Galea Dokument CG 1, u qed jigi suggerit lili li Scicluna kien gej mir-Rabat, skond kif jidher mill-vleggeg, nghid li jiena naqbel.*

*Qed tigi immarkata b'ittri X u Y fejn gara l-incident bejn wiehed u iehor, u nghid li naqbel. . . .*

*. . . .Jixhed l-intimat*

*Paul Scicluna bil-Malti u bil-gurament jghid*

*Nghid li l-incident sehh fit-22 ta' Settembru 2017. Jiena kont gej mir-Rabat lejn Triq Gnien Xibla u ghaddej minn Triq Gorg. Waqt li jiena kont qed insuq kien hemm track ipparkjat fuq in-naha tax-xellug tieghi, u billi t-triq hija*

*forma ta' kurva lejn ix-xellug, kelli bilfors nigbed ftit l barra lejn in-naha l-ohra biex inkun nista naqbez it-trakk.*
*Li gara kif jiena gbidt ftit l barra mit-trakk biex nara l-vizwali tat-triq, nilmah karozza gejja li kienet qghada madwar 60/70 metru l boghod u jiena waqaft. Dak il-hin jiena kont ftit lura mit-trakk, kif jidher mir-ritratt document PS 1.*

*Li gara l-karozza l-ohra baqghet gejja bl-istess speed, u jiena ma kellix cans la nirriversja u lanqas naghmel xi manuvra ohra, jiena kont qed nistennih ser jieqaf.*
*Hu baqa' gej bl-istess speed li kien, u niftakar li habat mal-bankina ftit qabel habat mieghi, u laqatli l-karozza mal-genb.*
*Qed nesebixxi Dok PS 2 fejn juri l-habta taz-zewg karozzi u jidher li kien hemm certu wisa li hu seta jaghddi minghajr ma jahbat mieghi. Nikkonferma li l-ewwel laqat mal-bankina, imbaghad habat mieghi.*
*X'hin hbatna, niftakar li hu skuza ruhu mieghi, qalli li nfiexel u qalli li 'l-brake ma nahsibx li zammli'.*
*Jiena kont wieqaf qabel l-impatt, jiena kont wieqaf fid-distanza li rajtu gej, ghax hu klien imbieghed madwar 70- metru minni. Dokument PS 2 jidher l-bonnet mgholli ghax fethu hu. Qed nesebixxi Dok PS 3 li juri d-daqqa.*
*Kontro-ezami*
*B'referenza ghal PS 3 naqbel li jiena kont l barra mit-trakk kif jidher fl-istess ritratt. Nikkonferma li t-triq hija curva, u jiena kelli vizwali ta' 60/70 metru. Dokument PS 1 jidher il-kurva, u nghid li hemm madwar 60/70 metru vizwali.*

*Nikkonferma li hu seta jaghddi, jiena nahseb li seta jaghddi kieku ma habatx mal-bankina.*
*B'referenza ghal PS 3, qed jigi suggerit lili li t-triq tidjieq nghid, li hu nahseb li seta jaghddi.*

*L-ebda wiehed minnha ma kellna brake marks.*
*Nghid li jiena ma ghidtx lil warden li hu habat mal-bankina, jew urejt lil warden xi marka mal-bankina.*
*Jiena ma stajtx inkun fil-kareggjata tieghi ghax kien hemm trakk ipparkjat.*
*Ma nahsibx li l-parti l-kbira tal-karozza tieghi kienet fil-karregjata tieghu.*
*Qed jigi suggerit lili li huwa skuza ruhhu mieghi b'mod kordjali jiena ma naqbilx u dak il-hin jiena fhimt li skuza ruhhu ghax ammetta mieghi.*
*Jiena sewwejt ghand Pulitu, Tony Spiteri.*
*Jiena ma ghandix ritratti tal-hsara tal-karozza. Jiena s-survey report mhux qieghed ghandi u qieghed ghand Pulitu.*
*Jiena ma niftakarx jekk il-fanal tal-lemin kienx miksur.*
*Jiena niftakar li soqtha ghand Pulitu u ma nafx xi hsara kelli. Jiena rajt id-daqqa u hallejtha hemmhekk. . . .*

*. . . Joseph Azzopardi in kontro-ezami jixhed*

*L-ewwel darba li rajt il-vettura ta' Scicluna kienet imbieghda minni madwar tul ta' massimu ta' zewg karozzi. Naqblu li kien hemm vettura pparkjata fuq in-naha tal-lemin tieghi.*

*Jiena ma nistax nghid kemm kien imbieghed Scicluna mill-vettura li kienet ipparkjata.*

*Naqblu li meta rajt il-vettura ta' Scicluna l-ewwel darba it-trakk kont ghandi ma qbadtux.*

*Nghid li jiena kont madwar tul ta' karozza lura mit-trakk meta rajt lil Scicluna l-ewwel darba.*

*Qed nigi mistoqsi li jiena kont aktar l boghod minn tul ta' zewg karrozzi meta rajt lil Scicluna l-ewwel darba, nghid li bejn wiehed u iehor kien hekk.*

*Qed jigi suggerit lili effettivament Scicluna kien iktar minn tul ta' karozza lura mit-trakk kif jidher mill-isketch 4/6 u anke ir-ritratti 5/6 u 6/6, nghid li jiena naqbel mar-ritratti tal-wardens kif hemm fl-isketch.*

*Ma nistax nghid li Scicluna kienx wieqaf jew kienx qed jimxi x'hin rajtu l-ewwel darba.*

*Mistoqsija: 'x'hin inti gejt biex tahbat ma' Scicluna, jekk hu kienx wieqaf?'*

*Risposta: 'Nghid li jiena ma nafx.'*

*Ma niftakarx x'jiena ghidt lil warden, u dan mhux importanti.*

*Ma niftakarx li jiena missejt mal-bankina qabel gara l-incident.*

*Qed jigi moqri l-istatement ta' dakinhar ta' l-incident, u gie suggerit lili li dawn l-affarijiet graw kronologikament, nghid li jiena ma naqbilx ghax graw simultanjament.*

*Jiena nikkonferma li ma niftakarx.*

*Nghid li lanqas niftakar il-parti li dawn graw simultanjament.*

*Wara l-incident jiena u Pawlu tkellimna, ma nistax niftakar x'intqal.*

*Qed jigi suggerit lili li jiena skuzajt ruhi u ma rajtux, nghid li ma niftakarx.*

*Qed jigi ezebit minn Dr Galea Dokument CG 1, u qed jigi suggerit lili li Scicluna kien gej mir-Rabat, skond kif jidher mill-vleggeg, nghid li jiena naqbel.*
*Qed tigi immarkata b'ittri X u Y fejn gara l-incident bejn wiehed u iehor, u nghid li naqbel. . . .*

*. . . . Il-partijiet jiddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi*

*Dan l-Arbitragg qed jigi differit 23 ta' Novembru 2018 fil-11am il-Qorti ta' Ghawdex. . . .*

***L-incident mertu ta' dawn il-proceduri***

*Dan l-Arbitragg jirrigwarda incident stradali li sehh fit-22 ta' Settembru 2017 bejn il-vettura JMA 498 misjuqa mir-rikorrenti Joseph Azzopardi, u l-vettura targata KSM 123 misjuqa mill-intimat Paul Scicluna, fi Triq ta' Gorf, Xaghra, Ghawdex.*

*Illi jirrizulta li l-partijiet kienu ghaddejjin f'direzzjonijiet opposti, u habtu parzjalment b'mod frontali.*

*Jirrizulta li l-intimat intavola kontro talba u entrambi l-partijiet ressqu provi estensivi in sostenn tal-posizzjoni taghhom.*

***Kunsiderazzjonijiet***

*Mill-provi prodotti f'dawn il-proceduri, jirrizulta li l-incident mertu ta' dan l-Arbitragg gara waqt li l-vetturi kienu qedghin jinstaqu f'direzzjonijiet opposti, fi triq b'curva u relattivament dejqa.*

*Illi jirrizulta li l-impatt bejn iz-zewg vetturi kien wiehed parzjalment frontali, b'dan li l-ebda wiehed mis-sewwieqa ma kien ghaddej b'velocita eccessiva. Illi mill-hsarat relattivi fuq entrambi z-zewg vetturi tal-partijiet, jikonfermaw li l-ebda wiehed mix-xufiera ma kien ghaddej b'velocita eccessiva. Illi jigi rilevat li l-incident mertu ta' dan l-Arbitragg gara b'rizultat ta' nuqqas ta' kalkolu ta' wiehed mill-partijiet, waqt li l-vetturi kienu qedghin ghaddejjin minn magenb xulxin.*

*Hija l-fehma kunsiderata ta' l-Arbitru, mid-dinamika ta' l-incident, u mill-assjem tal-provi prodotti mill-partijiet, li r-responsabbilita ghal incident de quo ghandha tigi attribwita lil intimat Paul Scicluna.*

*Illi dan qieghed jigi kkunsidrat in segwitu ghal analizi approfondita tal-provi, b'dan li ghalkemm l-intimat isostni li huwa ha manuvra sabiex jevita l-incident, b'dan li huwa kien f'posizzjoni stazzjonarja meta gara l-incident, tali manuvra ma kienetx sufficjenti sabiex l-incident jigi evitat. Jigi rilevat li l-intimat invada l-karregjata tar-rikorrenti, u ghalhekk ir-rikorrenti, kien fl-impossibilita sabiex jevita l-vettura ta' l-intimat, li kkawzat l-incident de quo.*

*Rigward il-quantum tad-danni reklamat mir-rikorrenti, dan jirrizulta li gie sodisfacentement ppruvat.*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess u minn analizi tal-provi prodotti, hija l-fehma ta' l-Arbitru li t-talba avvanzata mir-rikorrenti tirrizulta gustifikata u ppruvata, u l-intimat ghandu jinzamm hati li kkaguna l-incident li gara fit-22 ta' Settembru 2017 fi Triq ta' Gorf, Xaghra, Ghawdex.'*

Ghaldaqstant l-arbitru ghaddiet ghad-decizjoni taghha kif gia kwotata aktar 'il fuq.

8. Illi ghalkemm verament l-aggravji tal-appellant huma kollha fis-sens li ma jaqblux mal-apprezzament tal-provi li ghamlet l-arbitru fil-kaz odjern, din il-Qorti wara li rat il-provi kollha fl-atti tqis li in vista li verament il-konsiderazzjonijiet tal-abitru fid-decizjoni taghha kienu verament fjakki tant li njorat ghal kollox parti mill-provi, partikolarment il-versjonijiet tal-partijiet moghtija lill-Gwardjani Lokali a tempo vergine fir-rapport esebit a fol. JA 4 kif gia nghad tqis li fl-ewwel lok minghajr ezitazzjoni ghandha tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant illi mhux minnu li l-arbitru ghamlet xi analizi approfondit tal-provi u li l-lodo appellat huwa assolutament mankanti minn motivazzjoni sufficjenti sabiex jitqies li tkun qed issir gustizzja mal-partijiet;

9. Illi fil-mertu fl-atti jirrizultaw il-versjonijiet tal-partijiet segwenti dwar kif sehh l-incident in kwistjoni:

(i) ir-rikorrent appellat Joseph Azzopardi fil-versjoni li huwa ta *a tempo vergine* lill-gwardjani lokali fir-rapport esebit bhala Dok JA 4 sostna kif isegwi:

'Jien kont ghaddej u l-iehor waqaf u zammejt il-brake u hakkejt mal-bankina u hbatna.

Fl-affidavit tieghu esebit fl-atti dwar id-dinamika tal-incident huwa sostna kif isegwi:

'Nghid illi jien kont qed insuq fit-Triq Gorf fix-Xaghra, Ghawdex fid-direzzjoni ta' Triq l-Ghejjun meta fuq in-naha l-ohra tat-triq kien hemm vettura ohra pparkjata. Mill-faccata tieghi kien gej Paul Scicluna biex ikompli ghaddej u jaqbez il-vettura li kienet ipparkjata dahal fil-karreggjata tieghi. X'hin ghamel din il-manuvra jien ippruvajt inzomm il-karozza tieghi izda kien tard u saret il-habta. X'hin rajtu jaghmel din il-manuvra jien rekkint kemm stajt mal-bankina u ghafast il-brake.

Kien per konsegwenza tal-manuvra li ghamel Paul Scicluna li kien qed isuq il-vettura tat-tip Honda u bin-numru tar-registrazzjoni KSM 123 li gara dan l-incident ghaliex huwa qabez vettura pparkjata u mblokka

l-karreggjata tieghi. Huwa ghamel din il-manuvra minghajr ma ra min kien gej mill-faccata.'

Fil-kontro-ezami tieghu li, ghal xi raguni gie riportat darbtejn fil-lodo tal-arbitru, ir-rikorrent isibha difficli sabiex jixhed dwar kemm kien 'il boghod mit-trakk ipparkjat qabel ma ra l-vettura ta' Scicluna izda johrog li certament kien ghadu ma qabadx l-istess trakk, kien mill-anqas boghod ta' tul ta' vettura minnu jekk mhux aktar. Jichad li huwa habat mal-bankina qabe habat mal-vettura tal-intimat appellat u jsostni li mhux ta' mportanza dak li qal hu lill-gwardjan lokali *a tempo vergine.* Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax id-diversi drabi fejn waqt il-kontro-ezami tieghu huwa rrisponda li ma jafx u ma jiftakarx.

(ii) L-intimat appellant Paul Scicluna sostna mal-gwardjani lokali fir-rapport esebit bhala dokument JA 4 kif isegwi:

'Jien kont ghaddej kien hemm truck wieqaf fuq il-left rajt vettura gejja u waqaft u tal-vettura l-ohra baqa' gej ghal go fija jien kont wieqaf.'

Fil-versjoni ta' Paul Scicluna dwar l-incident kif xehed quddiem l-arbitru wkoll gia riportata fil-lodo suespost, huwa jixhed li kien gej mir-Rabat lejn Triq Gnien Xibla u ghaddej minn Triq Gorg. Waqt li kien qed isuq sab trakk ipparkjat fuq in-naha tax-xellug tieghu u billi t-triq hija forma ta' kurva lejn ix-xellug isostni li kellu bilfors jigbed ftit 'il barra lejn in-naha l-ohra biex ikun nista' naqbez it-trakk. Huwa

f'dan il-mument li gibed 'il barra mit-trakk biex ikollu vizwali tat-triq li lemah il-karozza tar-rikorrenti ghadha gejja minn boghod ta' madwar sittin jew sebghin metru u jsostni li f'dak il-mument waqaf. Jixhed ukoll li dak il-hin il-vettura tieghu kienet ghadha ftit lura mit-trakk, kif jidher mir-ritratt dokument PS 1 esebit fl-atti. Jixhed li f'dak il-mument il-vettura tar-rikorrenti baqghet gejja bl-istess *speed* u ghalhekk hu ma kellux cans la jirriversja u lanqas jaghmel xi manuvra ohra anzi stenna li r-rikorrenti kien ser jieqaf. Jinsisti li r-rikorrent baqa' gej bl-istess *speed* li kien, jiftakru jahbat mal-bankina ftit qabel habat mieghu u laqat il-karozza tal-intimat appellant mal-genb. Jixhed li r-rikorrent mal-habta skuza ruhu mieghu u qallu li nfixel u li qallu li 'l-brake ma nahsibx li zammli'. Jinsisti li huwa kien wieqaf qabel l-impatt u li r-rikorrent kien ferm imbieghed madwar sebghin metru meta rah. Jaqbel anki b'referenza ghar-ritratti esebiti li l-vettura tieghu kienet 'il barra mit-trakk. Jinsisti li fejn sehh l-incident hemm kurva u jaghmel referenza ghar-ritratt PS 1. Jixhed li ghalkemm it-triq tidjieq, skont hu, ir-rikorrent seta' jghaddi li kieku ma habatx mal-bankina. Jikkonferma wkoll li ebda wiehed minnhom ma kellu brake marks. Jikkonferma wkoll li huwa ma qalx li r-rikorrent habat mal-bankina wisq anqas wera l-gwardjan lokali xi marka mal-bankina. Jinsisti li huwa ma setax ikun fil-kareggjata tieghu ghax kien hemm trakk ipparkjat u li ma jahsibx li l-parti l-kbira tal-karozza tieghu kienet fil-karregjata tar-rikorrent. Jerga jikkonferma li r-rikorrent ammetta mieghu.

Il-Qorti rat ukoll ir-ritratti pjuttost cari esebiti fl-atti li jindikaw il-posizzjoni tal-vetturi in kwistjoni kif waqfu mal-impatt. Minn dawn ir-ritratti l-qorti tista' tikkonferma li verament il-vettura tal-intimat kienet tinsab ftit metri 'l boghod fuq wara tat-trakk li kien ipparkjat u li jidher fl-istess ritratti. Tirrileva wkoll li jidher mill-istess ritratti, li l-vettura tal-intimat kellha bilfors tohrog bicca sew 'il barra sabiex taqbez dan it-trakk li ma kienx wiehed zghir. Tqis ukoll li dak li sostna l-intimat li possibbilment il-vettura tar-rikorrent kienet tghaddi minn ma dik tal-intimat huwa nverosimili hafna stante li fuq il-parti ta' wara taghha l-vettura tal-intimat kienet tinsab aktar 'il barra lejn il-bankina opposta milli l-parti ta' quddiem taghha.

**Ikkunsidrat ulterjoment:**

10. Illi din il-Qorti tqis li mill-assjem tal-provi kollha riportati fl-atti tal-arbitragg il-parti li zammet konsistentement mal-versjoni taghha tal-fatti kien l-intimat u mhux ir-rikorrent. Fil-fatt il-versjoni moghtija mill-intimat lill-gwardjani lokali *a tempo vergine* hija konsistenti max-xhieda tieghu quddiem l-arbitru b'dana li jirrizulta mill-istess li x'hin sab it-trakk ipparkjat huwa kellu jaqbez l-istess, ra l-vettura tal-intimat gejja minn certu distanza u waqaf. Il-fatt li waqaf huwa kkonfermah kemm fir-rapport mal-gwardjani lokali kif ukoll waqt ix-xhieda tieghu. Sahansitra r-rikorrent ikkonferma mal-gwardjan lokali li l-vettura tal-intimat waqfet.

Illi minn naha l-ohra r-rikorrenti filwaqt li a tempo vergine ammetta li l-intimat 'waqaf', li zamm il-brake, li hakk mal-bankina mbaghad sehhet il-habta, fil-versjonijiet sussegwenti r-rikorrent jichad li ra lill-intimat wieqaf u anki li hakk mal-bankina meta din l-informazzjoni kien ta hu stess liberament lill-gwardjani lokali. Ir-rikorrent lanqas jaf jghid ezatt kemm kien 'il boghod mit-trakk meta ra l-vettura tal-intimat u fil-kontro-ezami tieghu jaghti diversi versjonijiet.

Illi fic-cirkustanzi l-Qorti tqis li l-versjoni veritiera hija dik tal-intimat u cioe' illi meta hu ra lir-rikorrent gej minn certu distanza huwa waqaf imbaghad konsegwenza li r-rikorrent ma waqafx u baqa ghaddej sehh l-incident.

Illi din il-Qorti tissolleva ulterjoment illi la darba kien hemm it-trakk ipparkjat fuq in-naha tax-xellug, rizultat ta' hekk it-triq in kwistjoni li fiha kienu qed isuqu l-partijiet f'dak il-hin partikolari ma kinitx qed tipprovdi zewg karreggjati sabiex zewg vetturi jghaddu kommodament minn ma xulxin. Anzi ghandu jitqies li l-karreggjata disponibbli ghax-xufiera f'dak il-hin partikolari kienet biss dik minn fejn jispicca l-genb tat-trakk sal-bankina tan-naha l-ohra. Ghalhekk f'dawn ic-cirkustanzi partikolari ma hemmx dubju li xufiera li kienu qed isuqu f'dik it-triq riedu joqghodu ferm attenti u jaghtu aktar attenzjoni ghall-vetturi gejjin minn naha opposta partikolarment fejn kien hemm it-trakk ipparkjat.

Jirrizulta lil din il-Qorti mill-provi prodotti li mal-mument li l-intimat sab ma' wiccu t-trakk ipparkjat huwa ghamel manuvra sabiex jaqbez l-istess trakk izda malli ra l-vettura tar-rikorrent gejja minn-naha l-opposta minn certu distanza (kif isostni l-intimat madwar sittin, sebghin metru 'l boghod) huwa waqaf. Il-Qorti tqis illi kieku r-rikorrenti kien qed izomm 'a proper look-out' ghal dak li kien qed jigri fit-triq partikolarment in vista tal-ammissjoni tieghu li huwa ra l-vettura tar-rikorrenti qabel mar-rikorrent kien wasal hdejn it-trakk, huwa kellu wkoll iwaqqaf il-vettura tieghu u jew jistenna li r-rikorrenti jaghmel manuvra ta' 'reverse' biex jaghmillu spazju jghaddi jew jaghti cans hu lir-rikorrent jghaddi qabel ma jipprocedi fil-parti d-dejqa tat-triq konsegwenza tat-trakk ipparkjat. Jirrizulta lil din il-Qorti li ghal xi raguni r-rikorrent kien distratt u ma ghamel l-ebda manuvra logika mistennija minnu fic-cirkustanzi tant li jidher li nfixel, habat mal-bankina u konsegwenza habat mal-intimat.

Illi in vista tal-konsiderazzjonijiet kollha suesposti, din il-Qorti assolutament ma taqbilx mad-decizjoni tal-arbitru li l-incident sehh konsegwenza tal-agir tal-intimat anzi tqis li l-incident *de quo* seta' facilment jigi evitat li kieku r-rikorrent zamm 'proper look-out' u ghamel dak li kien mistenni minnu fic-cirkustanzi (la darba z-zewg partijiet sabu ruhhom f'dik is-sitwazzjoni straordinarja konsegwenza tat-trakk kif kien ipparkjat) u cioe' li jieqaf u xi hadd mill-partijiet jaghmel manuvra biex l-iehor ikun jista' jghaddi. **Il-fatt li ghalkemm jirrizulta ampjament pruvat li r-rikorrent kellu bizzejjed cans li**

**jieqaf izda dan ma ghamlux ghal ragunijiet li jaf hu biss jitfa' r-responsabbilta' kollha tal-incident fuq l-istess rikorrent.**

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' l-aggravji kolha tal-appellant u *per conseguenza* ser tilqa' l-appell tal-intimat appellant.

11. Illi in vista li din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-aggravji kif suespost w'ghalhekk ser tilqa' l-appell tal-intimat, jehtieg li din il-Qorti tgharbel il-provi u taghti decizjoni dwar id-danni pretizi mill-intimat fil-kontro-talba tieghu.

Jirrizulta mill-kontro-talba li l-intimat qed jippretendi s-somma ta' danni sofferti fil-vettura tieghu fl-ammont ta' elfejn, tmien mija u sitta u erbghin euro u tnejn u sittin centezmu (€2846.62). Dan l-ammont huwa sostanzjat minn evidenza dokumentarja fl-atti tal-arbitragg partikolarment l-ircevuta ta' Pulitu Garage datata 24 ta' Jannar, 2018 li appuntu ggib l-ammont kif ukoll l-ircevuti tal-*parts* mahruga minn Gasan Zammit Motors Ltd. Dawn il-provi bl-ebda mod ma gew kontestati mir-rikorrent rikonvenzjonat. Il-Qorti ghalhekk tqis li s-somma pretiza mill-intimat rikonvenzjonant giet sufficjentement pruvata. Tqis ukoll li hija gjustifikata t-talba ghall-hlas ta' imghax fuq l-istess somma mid-data tal-prezentata tal-kontro-talba.

**Decizjoni**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' w'tiddeċiedi l-appell interpost billi filwaqt li tiċħad ir-risposta tar-rikorrent intimat tgħaddi sabiex tilqa' l-aggravju u allura tilqa' l-appell tal-intimat appellant kif isegwi:**

1. **Tirrevoka d-deċiżjoni tal-arbitru appellata fl-ismijiet premessi datata 25 ta' Settembru, 2019;**

2. **Tiddikjara li r-responsabbilta' għall-inċident li seħħ fi Triq Għajn Qamar, Xagħra fit-22 ta' Settembru 2017 bejn il-vettura JMA498 misjuqa minn Joseph Azzopardi u dik KSM 123 misjuqa mill-appellant Paul Scicluna kienet unikament ta' Joseph Azzopardi;**

3. **Tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent appellat Joseph Azzopardi;**

4. **Tilqa' t-talbiet tal-intimat appellant Paul Scicluna kontenuti fil-kontro-talba u tgħaddi sabiex tikkundanna lil Joseph Azzopardi sabiex iħallas is-somma ta' elfejn, tmien mija u sitta u erbgħin Euro u tnejn u sittin ċentemu (€2846.62) li din il-Qorti qed tillikwida bħala danni sofferti minn Paul Scicluna konsegwenza tal-inċident imsemmi.**

**Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat Joseph Azzopardi u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-kontro-talba cioe' dik tad-9 ta' Frar, 2018 sad-data tal-pagament effettiv.**

**(ft.) Onor. Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**Deputat Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**